

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1270

tal-14 ta' Lulju 2017

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tal-karbonat tal-potassju (E 501) fuq frott u ħxejjex imqaxxa, imqatta' u mqatta' b'cejjeċ b'cejjeċ

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati biex jintużaw fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Il-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.
- (3) Fil-15 ta' Ottubru 2015 ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-karbonat tal-potassju (E 501) fuq frott u ħxejjex imqaxxa, imqatta' u mqatta' b'cejjeċ b'cejjeċ, u din tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (4) Attivitajiet enzimatiċi waqt il-preparazzjoni tal-frott u l-ħxejjex friski mqatta' jistgħu jwasslu għal telf fil-kwalità tal-prodotti, bħall-fatt li dawn isiru kannella u li jtilfu l-istruttura tagħhom, u għal ħela tal-ikel. L-aċidu askorbiku (E 300) jista' jintuża biex jiġi evitat li jsiru kannella. Madankollu, l-aċidu askorbiku għandu t-tendenza li jkisser it-tessut taċ-ċelloli, li jwassal biex il-frott u l-ħxejjex jirtabu u jtilfu l-kulur tagħhom wara ftit jiem. L-użu tal-karbonat tal-potassju (E 501) jippermetti protezzjoni iktar effiċjenti biex dawn ma jsirux kannella, minħabba li jaħdem bħala stabbilizzatur u regolatur tal-aċidità u jnaqqas il-ħsara fit-tessut ikkawżat mill-aċidu askorbiku.
- (5) Il-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel stabbilixxa livell tal-ADI (id-Doża Aċċettabbli ta' Kuljum) għall-grupp bħala "mhux speċifikat" għall-karbonati ⁽³⁾, li jimplika li dawn ma jippreżentawx periklu għas-saħħa meta jintużaw fil-livelli meħtieġa biex jintlaħaq l-effett teknoloġiku mixtieq.
- (6) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha ftitex l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel stipulata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, ħliet meta l-aġġornament inkwistjoni ma jkunx mistenni jħalli

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Rapport tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel, il-25 serje, l-1990.

effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Peress li l-awtorizzazzjoni tal-użu tal-karbonat tal-potassju (E501) bħala stabbilizzatur u regolatur tal-aċidità fuq il-frott u l-ħxejjex imqaxxa, imqatta' u mqatta' b'cejjeċ b'cejjeċ tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li mhux mistenni jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem, l-opinjoni tal-Awtorità mhix meħtieġa.

- (7) Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġi awtorizzat l-użu fi *quantum satis* tal-karbonat tal-potassju (E 501) bħala stabbilizzatur u regolatur tal-aċidità fil-kategorija tal-ikel 04.1.2 "Frott u ħxejjex imqaxxa, imqatta' u mqatta' b'cejjeċ b'cejjeċ" fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Sabiex jiġi żgurat li l-konsumatur ikun infurmat b'dan it-trattament, l-użu tal-karbonat tal-potassju (E 501) għandu jkun limitat għall-frott u l-ħxejjex ippakkjati minn qabel, refriġerati u mhux ipproċessati, li jkunu lesti għall-konsum u għall-patata mqaxxa, ippakkjata minn qabel u mhux ipproċessata.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jiġi emendat skont dan.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Fil-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 fil-kategorija tal-ikel 04.1.2 "Frott u ħxejjex imqaxxa, imqatta' u mqatta' b'cejjeċ b'cejjeċ", l-entrata li ġejja tiddaħħal qabel in-noti f'qiegħ il-paġna:

	"E 501	Karbonat tal-potassju	<i>Quantum satis</i>	frott u ħxejjex ippakkjati minn qabel, refriġerati u mhux ipproċessati, li jkunu lesti għall-konsum u patata mqaxxa, ippakkjata minn qabel u mhux ipproċessata biss".
--	--------	-----------------------	----------------------	---